MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 47/2009

Bank of Valletta p.l.c.

vs

Harvester Company Ltd.;
Charles Cordina, u
Claire Borg.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

1. Illi l-Bank rikorrenti kien silef lis-soċjeta' Harvester Company Limited is-somma ta' mitejn u tnjen u tletin elf disa' mija u sebgħa u tletin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€ 232,937.34), b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-tmintax (18) ta' Lulju elfejn u ħamsa (2005);

2. illi l-konvenuti l-oħra Charles Cordina u Claire Borg kienu kkostitwew ruħhom garanti solidali mad-debitur prinċipali għall-ħlas lura ta' dan is-self;

3. illi l-konvenuti naqsu milli josservaw l-obbligi u l-kondizzjonijiet tas-self assunti minnhom fosthom li (i) naqsu ripetutament milli jħallsu lura dan is-self u l-imgħax skond il-kuntratt u l-ittra sanzjonarja; (ii) id-debitur prinċipali u l-garanti għandhom ħafna dejn ieħor ma kredituri oħrajn li għalkemm dovut, mhuwiex imħallas u mhuwiex jitħallas; (iii) kontra l-garanti saru u għad fadal pendenti wkoll quddiem din il-Qorti diversi mandati ta' sekwestru esekuttivi u kawtelatorji minn kredituri oħra li għandhom jieħdu mingħandhom u mingħand kumpaniji u impriżi oħra tagħhom; u (iv) il-konvenuti ssospendew il-pagamenti tad-djun tagħhom u dan il-perjodu twil taż-żmien, u mhumiex f'pożizzjoni li jħallsu dawn id-djun tagħhom ;

4. illi konsegwenza ta' dana kollu, il-Bank kien kostrett jiddikjara li l-bilanċ tas-self u mgħax huwa dovut u pagabbli minnufih, u dan permezz ta' ittra uffiċjali tas-7 ta' April 2009, debitament notifikata lill-konvenuti;

5. illi l-bilanċ li fadallu jitħallas lill-Bank rikorrent f'kapital u mgħax mill-konvneuti sat-tletin (30) ta' Marzu elfejn u disgħa (2009) jammonta għal mitejn u tlieta u ħamsin elf mija u ħamsa u tmenin euro u sbatax-il ċenteżmi (€ 253,185.17), u dan huwa wieħed ċert, likwidu, u dovut, u sa fejn jaf il-Bank rikorrent, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu kontra din it-talba għall-ħlas ta' dan l-ammont.

Talbet lill-konvenuti jgħidu ghaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tissiaponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12;

2. Tiddikjara li dovuta lill-Bank rikorrenti is-somma ta' itejn u tlieta u ħamsin elf mija u ħamsa u

tmenin Euro u sbatax-il ċenteżimi (€ 253,185,17) f'kapital u mgħax in konnessjoni mas-self li sar lid-debitur prinċipali;

3. tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-bank rikorrent din is-somma bl-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mit-30 ta' Marzu 2009 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' April 2009 (ittra numru 285/09), kontra l-konvenuti.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti li ġew notifikati b'dan ir-Rikors u appuntament għas-smiegħ, Harvester Company Limited u Charles Cordina fil-5 ta' Gunju 2009 u Claire Borg fid-9 ta' Ġunju 2009.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju 2009, fejn fuq talba tal-legali tal-konvenuti, peress illi Charles Cordina u Claire Borg kienu jinsabu msiefra temporanjament, il-kawża ġiet differita għas-17 ta' Lulju 2009.

Rat in-Nota tas-soċjeta' attriċi tal-15 ta' Lulju 2009 fejn irriduċiet it-talba għal mitejn u ħamsa u erbgħin elf disa' mija u sitta u erbgħin Euro u tmienja u tletin ċenteżmi (Eur245,946.38), inklużi l-imgħaxijiet komputati bl-imgħax sempliċi sat-13 ta' Mejju 2009, u dan skond rendikont immarkat Dok. BOV74 anness ma' l-istess Nota.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Lulju 2009 minn fejn jirriżulta li deher biss James Pace għan-nom tas-soċjeta' attriċi, assistit mill-legali tiegħu, u l-konvenuti msejjħa tliet darbiet naqsu li jidhru.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-affidavit ta' l-istess James Pace, manager fil-fergħa ta' Għawdex tal-Bank of Valletta, u d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża bil-giljottina a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12. fejn, fil-kontumaċja tal-konvenuti, kif irriżulta li huwa l-każ fil-kawża preżenti il-qorti għandha tgħaddi minnufih biex tilqa' t-talba ta' l-attur.[1]
Is-soċjeta' attriċi qed titlob ammont bilanċjali dovuta lilha mis-soċjeta' konvenuta għal self li kien ġie mogħti lilha b'kuntratt ta' self tat-18 ta' Lulju 2005, u li tiegħu kienet daħlet bħala garanti solidali l-konvenuta Claire Borg.[2]

Il-konvenut l-ieħor Charles Cordina kien ukoll daħal bħala garanti solidali ma' l-istess soċjeta' konvenuta għal dan is-self permezz tal-garanzija mogħtija minnu fl-istess data.[3]

Għalkemm il-kuntratt ta' self kien għal perijodu ta' għoxrin (20) sena, is-soċjeta' attriċi kienet irriservat id-drittt li titlob kwalunkwe bilanċ li jkun għadu dovut anke qabel ma jiskadi dan il-periojdu, f'każ li jinkisru xi kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt.

Billi uħud minn dawn il-kundizzjonijiet kienu qed jiġu miksura, is-soċjeta' attriċi permezz ta' l-ittra uffiċċjali tas-7 ta' April 2009 ddikjarat li l-bilanċ tas-self u mgħax kien dovut u pagabbli minnufih, imma l-konvenuti baqgħu inadempjenti, u għalhekk ipproċediet bil-kawża preżenti.

Billi permezz tan-Nota tagħha tal-15 ta' Lulju 2009, is-soċjeta' attriċi rriduċiet l-ammont mitlub fir-Rikors ġuramentat għal Eur 245,946.38 inklużi l-imgħaxijiet komputati bl-imgħax sempliċi sat-13 ta' Mejju 2009.

Tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara li hija dovuta lill-Bank rikorrent is-somma kif ridotta ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf disa' mija u sitta u erbgħin Euro u tmienja u tletin ċenteżmi (EUR 245,946.38), f'kapital u imgħax in konnesjoni mas-self li sar lid-debitur prinċipali, u dana sat-13 ta' Mejju 2009;

---

[1] Art. 170(1) tal-kap. 12 .
[2] Dok. BOV 2 a fol. 6 - 12 tal-process .
[3] Dok. BOV 4 a fol. 16 - 22 .

2. tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom sabiex iħallsu lill-Bank rikorrent din s-somma bl-imgħaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Mejju 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tas-7 ta' April 2009 (ittra numru 285/2009) kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------